MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-7 ta' April, 2014

Talba Numru. 57/2013

Saviour **Camilleri Interior Design & Architectural Limited**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-5 ta' Frar, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf tlett mija u disa' euro u tmenin ċenteżmi ta' euro [€1,309.80c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Il-konvenut kien talab lil attur sabiex jipprestalu servizz ta' interior design rigward ir-residenza tieghu. L-attur kien provda s-servizz iżda l-konvenut ma aċċettax ihallas ghas-servizz moghti lilu.
>
> L-attur kemm verbalment kif ukoll bil-miktub interpella diversi drabi lil konvenut sabiex ihallas is-somma ta' €1,309.80 (elf tlett mija u disa euro 80c) iżda baqa inadempjenti.".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fis-17 ta' Mejju, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

> "1. Illi t-talbiet attriċi ma jistghux jintlaqghu u ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta attriċi ma ipprestatx servizzi lill-konvenut kif kien miftiehem bejniethom u l-inkarigu taghhom kien gie terminat kif ser jiġi ppruvat waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kawza;
>
> 2. Illi t-talbiet attriċi ma jistghux jintlaqghu u ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez stante li s-servizzi allegati ma ġewx rezi kif miftiehem u infatti il-konvenut kellu jinkariga terzi;
>
> 3. Illi minghajr preġudizzju ghall-eccezzjonijiet preċedenti l-ammont mitlub huwa eċċessiv kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
>
> 4. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez.
>
> 5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi".

Ra l-ahhar verbal tat-23 Jannar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' elf tlett mija u disa' euro u tmenin ċenteżmi ta' euro [€1,309.80c], liema ammont jirrappreżenta l-valur ghal servizzi ta' interior design maghmula fuq inkarigu ta' l-intimat. Dan da parti tieghu qal li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti ma jistghux jintlaqghu u ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez stante li din ma ipprestatx servizzi lill-intimat kif kien miftiehem bejniethom u l-inkarigu taghhom kien gie terminat. Qal ukoll li huwa kellhu jinkariga lil terzi u li l-ammont pretiz huwa wiehed eċċessiv. Ghalhekk it-talba tas-socjeta rikorrenti ghandha tiġi michuda.

Ikkunsidra;

2. Mill-fatti jirrizulta li l-intimat kien ikkomunika mas-socjeta rikorrenti sabiex ikellem lil Perit Trinity Camilleri Burlo. Skond it-*time sheet* esebita a fol. 63 tal-process, l-ewwel inkontru kien sar fl-10 ta' Dicembru, 2011 gewwa r-residenza ta' l-intimat flimkien mar-rapprezentant tal-kumpanija tal-lift. Dan peress li l-intimat ried jara kif kienu ser jitbiddlu xi *features* tad-dar bl-installazzjoni tal-lift li ried jaghmel. Fis-16 ta' Dicembru, 2011 reggha sar inkontru iehor fir-residenza tal-intimat u reggha sar iehor fid-19 ta' Dicembru, 2011. Skond il-Perit Kurt Camilleri Burlo, f'din l-ahhar data kien gie diskuss ukoll d-dettal tat-tarag li kien jitla mill-ewwel sular sal-kamra tal-bejt. Kif kienu fil-kamra tal-bejt, l-intimat kien semmielu li huwa xtaq li jinkorpora kamra tas-sodda tat-tifel f'din il-kamra u talbu jaghmel disinn ta' kif kienet ser tiġi din il-kamra. Il-Perit Kurt Camilleri Burlo qal li minhabba f'hekk, huwa kellhu jiehu l-qisien tal-kamra u imbaghad wara jkun jista jaghmillu 3D rendering taghha. Fit-28 ta' Dicembru, 2011 regghu iltaqaw u l-intimat gie muri t-3D rendering tal-kamra tas-sodda. Waqt din il-laqgha, gew diskussi xi tibdiliet zghar li xtaq jaghmel u qabel ma spiċċa l-meeting, l-intimat approva d-disinn tal-kamra. Il-Periti Kurt u Trinity Camilleri Burlo kellhom isiefru fid-29 ta' Dicembru, 2011 u jirritornaw lura fl-14 ta' Jannar, 2012. Fl-inkontru tat-28 ta' Dicembru, 2011 kien gie miftiehem li sakemm l-imsemmija periti jkunu msifrin, Saviour Camilleri kellu jilhaq jaghmel id-*detailed drawings* tal-imsemmija kamra. Fis-6 ta' Jannar, 2012 mart l-intimat kienet marret ghand is-socjeta rikorrenti u hemm iltaqghet ma' Saviour Camilleri. Dak-in-nhar, l-imsemmi Saviour Camilleri kien wera d-*detailed*

*drawings* tal-kamra tal-bejt bl-ghamara kif kellha tiġi u kien f'dan l-inkontru li mart ir-rikorrenti infurmatu li riedet tuża saqqu li kellhu valur sentimentali ghaliha. Huwa talabha l-qisien tas-saqqu u hija qaltlu li kienet ser tibghathomlu. Huma baqghu li wara li jkollu dawn il-qisien ġodda, huwa jirranġa d-*deatiled drawings* tieghu skont il-qis ta' dan is-saqqu u imbaghad tkun tista tiġi tiġbor kollox. Sadanitant, hija kienet talbitu kopja tat-3D drawing hu huwa ghaddielha kopja ta' l-istess. Wara li Saviour Camilleri rċieva l-qisien tas-saqqu minghand mart l-intimat, huwa ghadda biex reggha hejja mill-gdid id-*detailed drawings* u lestihom. Skond ma jirrizulta mill-sms *images* li s-socjeta rikorrenti pproduciet, fit-3 ta' Jannar, 2012 l-intimat kien baghat jistaqsi lil Saviour Camilleri meta kienu ser jiġbru l-affarijiet. Saviour Camilleri wieġbu u qallu li "*I am working on your details can you call me tomorrow*" (fol. 64). Kif diġà rajna, fis-6 ta' Jannar, 2012 mart l-intimat kienet marret ghand is-socjeta rikorrenti u hemm infurmatu li xtaqet taghmel saqqu li kien jappartjeni lill-mama taghha. Imbaghad xi żmien wara baghtitlu dawn il-*measurements* tas-saqqu u l-imsemmi Saviour Camilleri kien beda jahdem mill-gdid fuq id-*detailed drawings*. Fit-12 ta' Jannar, 2012 l-intimat baghat messaġġ lil Saviour Camilleri fejn qallu "*Bongu tinsiniex savior tnks. Joe*" (fol. 64). Fid-19 ta' Jannar, 2012, Saviour Camilleri baghat sms lil intimat fejn qallu "*Joe meta gejjin ad drawings. Bat lil Caroline*" (fol. 64) u madwar siegha wara, l-intimat irrisponda u qallu "*issa naddu heq jien ordnajt kollox anke lamara ax ma stajc nistenna aktar*" (fol. 64). L-intimat u martu t-tnejn xehedu u qalu li huma meta kienu ltaqaw mal-perit Trinity Camilleri Burlo kienu nfurmawha li riedu l-affarijiet li kienu qeghdin jitolbuhom malajr l-ghaliex kienet l-intenzjoni taghhom li jidhlu fir-residenza f'Marzu, 2012. Fid-deposizzjoni taghha, Caroline Camilleri qalet li "*jiena ghadni u lesta li nhallas tal-istampa tat-3D però tal-affarijiet l-ohra li ma hadtx u ma nghatajtx mis-socjeta rikorrenti m'iniex lesta li nhallas*" (fol. 55). L-intimat qal li huwa kien lest li jhallas l-ammont ta' €100[1]. Dan qalitu peress li l-affarijiet li kienu ntalbu mis-socjeta rikorrenti kienu tlestew tard u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega u uzu taghhom l-ghaliex il-haddiema kienu diġà lehqu bdew jaghmlu x-xogholijiet. Alex Sghendo, l-mastrudaxxa li intuża mill-intimat sabiex jaghmel l-ghamara tal-kamra tal-bejt qal li huwa beda jaghmel din l-ghamara ghal habta ta' Frar, 2012 u imbaghad wahhalha f'Marzu, 2012. David Dimech, rappreżentant tas-socjeta JD Lifts Supplies Limited qal li s-socjeta

[1] Ara d-deposizzjoni tieghu a fol. 57 tal-process.

minnu rappreżentata kienet ghamlet id-disinn u l-*interior design* tal-kabina u tal-*lift shaft*. Kienu kejlu l-*lift*, kejluh ma' l-art u anke ghamlu l-marki fejn kellu jiġi. Kien sahansitra ltaqa mal-kuntrattur u spjegalu fejn kellhu jqatta. L-intimat u martu jichdu li huma kienu ddiskutew l-*fireplace* tad-dar taghhom ma' Trinity u Kurt Camilleri Burlo u jghidu li dan il-*fireplace* baqa fl-istess post kif kien meta huma xtraw id-dar. Lanqas ma tkellmu mas-socjeta rikorrenti jew ir-rapprezentanti taghha dwar it-tarag. Dwar it-tarag, Caroline Camilleri tghid li "*l-access ghal kamra tat-tifel kellu jkun minn dan il-lift u dan peress li t-tarag ghadni sal-lum il-gurnata ma ghamiltux*" (fol. 54). L-intimati stqarrew ukoll li huma kienu użaw it-3D Design sabiex juru lil mastrudaxxa kif riedu li l-kamra tas-sodda tat-tifel taghhom tiġi. Dwar dan il-punt tat-tarag, il-Perit Kurt Camilleri Burlo esebixxa ritratt (dok. KCB 1 a fol. 67) fejn wera li dak li qalet mart l-intimat ma kienx minnu u li taraġ ghal kamra fejn kellha tiġi l-*bedroom* tat-tifel taghhom kien hemm.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-kwistjoni odjerna tirrigwarda talba mis-socjeta rikorrenti ghal hlas tas-servizzi minnha maghmula fuq inkarigu tal-intimat. L-intimat u martu jikkontendu li huma riedu dan is-servizz malajr u fi żmien qasir u dan peress li diġà kellhom il-haddiemha ibbukkjati biex jaghmlu x-xoghol fid-dar taghhom u dan peress li riedu jidhlu fid-dar f'Marzu, 2012. L-ewwel inkontru bejn il-partijiet kien sar fl-10 ta' Dicembru, 2011 u fid-19 ta' Jannar, 2012 l-affarijiet li kellha taghmel is-socjeta rikorrenti kienu lesti u kien intalab lill-intimat biex jmur jiġbor dawn id-*detailed drawings*. Is-socjeta rikorrenti tikkontenbdi li d-*detailed drawings* kienu diġà lesti qabel id-19 ta' Jannar, 2012 izda la l-intimat u lanqas martu ma marru jiġbruhom. L-intimat da parti tieghu jikkontendi li meta d-*detailed drawings* kienu lesti, kien tard wisq l-ghaliex il-haddiema inkarigati minnu diġà kienu bdew ix-xogholijiet. Jirrizulta ukoll li mart l-intimat kienet inghatat 3D drawing tal-kamra tas-sodda tat-tifel taghhom fis-6 ta' Jannar, 2012 u li kien gie miftiehem li s-socjeta rikorrenti kellha terga taghmel id-*detailed drawings* ta' din il-kamra mill-gdid wara li mart l-intimat kienet infurmatha li hija riedet saqqu li kien jappartjeni lill-mama taghha fis-sodda u ghalhekk, il-kejl li kien sar precedentement fuq saqqu iehor ma kienux tajbin. L-

intimati qegħdin jaqblu li s-socjeta rikorrenti għandha titħallas xi ħaġa għax-xogħol li hija għamlet fuq inkarigu tagħhom però ma kienux lesti li jħallsu l-ammont reklamat minnha f'dawn il-proceduri.

4. It-Tribunal eżamina t-*time sheet* li ġiet esebita mis-socjeta rikorrenti u ma jsib xejn x'jiccensura minnha. Jekk verament l-intimat kien pressat biz-zmien, meta martu kienet marret għand Saviour Camilleri sabiex tara d-*detailed drawings* ta' l-għamara messha qaltlu dak-in-nhar stess li hija kienet mgħaggla u li ma setatx tistenna iktar. Minflok, hija qaltlu li riedet tagħtih il-*measurements* tas-saqqu li kien jappartjeni lil mama tagħha u meta Saviour Camilleri qalilha li ried ibiddel il-*measurements* tad-*detailed drawings* hija baqet ma qaltlu xejn. Kien biss fid-19 ta' Jannar, 2012 li żewġha informa lill-Saviour Camilleri li x-xogħolijiet kienu leħqu gew ordnati. L-intimat ma jistax jippretendi li huwa jinkariga lil ħaddieħor sabiex jagħmel ix-xogħolijiet u imbagħad jaqbad u unilateralment jwaqqaf tali inkarigu. Ma ġiet prodotta l-ebda prova sodisfaċenti għat-Tribunal sabiex b'xi mod l-intimat jiġġustifika l-waqfien ta' dan l-inkarigu jew li s-socjeta rikorrenti ma mxietx ma dak miftiehem. Għalhekk, l-eccezzjonijiet ta' l-intimat qegħdin jiġu miċħudin u t-talba tas-socjeta rikorrenti sejra tiġi milqugħa.

Għalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jiċħad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat fir-risposta tiegħu in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qiegħed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat jħallasha s-somma ta' elf tlett mija u disa' euro u tmenin ċenteżmi ta' euro [€1,309.80c] bl-imgħaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tat-talba odjerna.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------